

## DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Ġunju 2013

**li temenda d-Deċiżjoni 2008/855/KE fir-rigward ta' miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer fl-Ungjerja**

(notifikata bid-dokument C(2013) 3348)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/274/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar, veterinarju u żootekniku applikabbi għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/855/KE tat-3 ta' Novembru 2008 dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer fċerti Stati Membri<sup>(3)</sup> tistipula ċerti miżuri ta' kontroll għad-deni klassiku tal-ħnieżer fl-Istati Membri jew fir-reġjuni tagħhom elenkat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Dik il-lista tinkludi l-kontea ta' Pest fl-Ungjerja.
- (2) L-Ungjerja għarrfet lill-Kummissjoni dwar żviluppi riċenti fir-rigward tad-deni klassiku tal-ħnieżer fit-territorju tal-kontea ta' Pest elenkat fl-Anness tad-Deċiżjoni 2008/855/KE.
- (3) Dik l-informazzjoni tindika li d-deni klassiku tal-ħnieżer fit-territorju tal-kontea ta' Pest inqered. Għaldaqstant,

il-miżuri stipulati fid-Deċiżjoni 2008/855/KE ma għand-dhomx jibqgħu japplikaw għal dik il-kontea u r-referenza għall-kontea ta' Pest fil-lista stipulata fil-Parti I tal-Anness tagħha għandha titħassar.

(4) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2008/855/KE għandha tiġi emenda skont dan.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

**ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:**

### *Artikolu 1*

Fil-Parti I tal-Anness tad-Deċiżjoni 2008/855/KE, il-punt 3 hu mħassar.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kummissjoni*

Tonio BORG  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.

<sup>(2)</sup> ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.

<sup>(3)</sup> ĠU L 302, 13.11.2008, p. 19.